MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 76/2013

**A B**

**vs**

**C D, E F u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti u l-intimat E F kellhom relazzjoni sentimentali li minnha twieldet il-minuri Jeniva D nhar id-19 ta' Awissu 2009;

Illi it-twelid tal-minuri sar waqt li r-rikorrenti kienet ghada mizzewgha ma' l-intimat C D;

Illi minhabba dan il-fatt fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri tnizzel bhala missier il-minuri l-intimat C D;

Illi l-minuri Jeniva hija l-wild naturali ta' l-intimat E F kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors guramentat u mhux ta' l-intimat C D;

Illi hemm bzonn li ghall-interess tal-minuri tkun regolata is-sitwazzjoni;

Jghidu ghalhekk l-intimati il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Jeiva ma hijiex il-wild naturali ta' C D imma tkun dikjarata bhala l-wild naturali ta' l-intimat E F okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, b'mod li ghalhekk hemm 1ok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri Jeniva D numru 2827 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizz1a fl-istess att tat-twe1id, il-konnotati kollha ta' 1-intimat C D u l-istess jigu sostitwiti b'konnotati ta' 1-intimat E F jew dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina 1-Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha s-sottometta u eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri Jeniva D, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din 1-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri Jeniva D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jirrileva li huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li tigi irnsejha fil-kawza l-minuri Jeniva D u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligljiet ta' Malta;

3. Illi in vena preliminari, ghall-finijiet ta' kjarezza tal-gudizzju, l-isem tal-minuri gie erronjament imnizzel fir-rikors gurarnentat tar-rikorrenti bhala Jeniva. Mill-Atti tar-Registru Pubbliku annessi ma' l-istess rikors jirrizulta li isem ir-rikorrenti hu rregistrat bhala Jeniva. Ghalhekk ghandha issir il-korrezzjoni debita kif interposta hawn fuq fl-atti tar-rikors odjern;

4. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri Jeniva D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla Jeniva D, hija kellha relazzjoni extramaritali ma' l-intimat E F, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tar-rikorrenti C D bhala l-missier naturali tal-imsemmija Jeniva D, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-preiunzjoni legali rnahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri Jeniva D ma' jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 2827 tas-sena 2009;

7. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat E F sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita, (2) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri Jeniva D, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post tal residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla Jeniva D. Tali informazzjoni hija rnehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Jeniva D bin-numru tal registrazzjoni progressiv 2827 tas-sena 2009;

8. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghanda tassumi l-minuri Jeniva D a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi bla hsara ghal premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem "C D", senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm ghandhorn ukoll jigu kkancellati rnill-Att tat-twelid bin-numru tal registrazzjoni 2827 tas-sena 2009.

10. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Permezz ta' affidavit l-attrici xhedet hekk:

"Jiena mizzewwga lil Hamud D, cittadin ta' nazzjonalita' Sirjana. Ahna zzewwigna fir-Registru taz-Zwigijiet pero' ma domniex flimkien minhabba nuqqas ta' qbil bejnietna. Fil-fatt ahna ilna separati di facto xi tmien snin. Jien ili ma nara lil zewgi ghal dan il-perjodu kollu u ma nafx x'sar minnu.

Fil-frattemp jiena dhalt f'relazzjoni sentimentali ma' E F u jien lil E ili nafu ghal dawn l-ahhar hames snin. Minn din ir-relazzjoni ahna ghandna tarbija li jisimha Jeneva D li twieldet fid-19 ta' Awissu 2009 kif jidher mic-certifikat tat-twelid diga' ezebit f'dawn l-atti.

Nista' nikkonferma li jien ma kelli x'naqsam sesswalment ma' hadd hlief ma' E F la snin qabel u qatt wara li jiena sirt nafu. Din it-tarbija kienet ippjanata minna t-tnejn u hija l-wild naturali tieghi u ta' E F.

Ghaldaqstant il-kunjom li gie moghti lil Jeneva D huwa hazin peress li zewgi Hamud D mhux u ma jistax ikun li huwa missier it-tarbija, u hadd hlief E F ma jista' jkun il-missier."

Il-konvenut E F xehed illi huwa l-gharus tal-attrici, "Jiena ili nafha ghal dawn l-ahhar hames snin u naf li hija separata bhala stat ta' -fatt minn ma' zewgha Hamud D ta' nazzjonalita' Sirjana. Jien ma nafux u qatt ma rajtu. Jiena sirt naf lil A ghall-habta tal-bidu tal-2008 u kien wara xi sena li bdejna nippruvaw li jkollna t-tfal. It-tarbija hija tieghi u ma jistax ikun li hija ta' haddiehor billi A dejjem kienet u ghadha mieghi".

Dr Marisa Cassar, esperta fl-analizi tad-DNA, ippreparat DNA Paternity Test Report minn fejn jirrizulta illi l-konvenut E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri Jeniva D.[1] L-analizi u r-rapport saru fuq kampjuni li gew elevati minn Robert Cardona, xjentist forensiku fil-Laboratorju Nazzjonali Malti, minn fuq il-persuna ta' E F u l-minuri. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-minuri hija l-wild bijologiku ta' E F.

Ikkunsidrat;

Huwa minnu li kif eccepixxa d-Direttur illi una volta si tratta ta' tarbija imwielda fiz-zwieg u l-azzjoni ma gietx intavolata entro sitt xhur mit-twelid, strettament kien mehtieg li qabel tigi intavolata l-kawza l-attrici tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda mill-kumpless tal-provi mressqa ma hemmx dubju illi l-istat tal-minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikati tat-twelid tieghu u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba m'hux ser jigi lez xi dritt ta' xi hadd mill-partijiet b'mod partikolari dak tal-minuri. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjez doppji u kawza ohra li immankabilment twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna. Ghalhekk l-Artikolu 81 tal-Kap 16 li ghaliha ghamel referenza d-Direttur, ma hux ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

[1] Fol. 37

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Apparti x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut F li fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri huma kellhom relazzjonijiet intimi, ir-rapport tad-DNA fuq imsemmi huwa l-aqwa prova tal-paternita' tal-minuri.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur u tiddeciedi t-talbiet attrici billi:

1. Tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri Jeniva ma hiex wild bijologika tal-konvenut C D izda hija l-bint bijologika tal-konvenut E F.

2. Tilqa' t-tieni attrici u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Jeniva billi tordna li fejn huwa indikat missier it-tarbija, isem il-konvenut D u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri u minflok jitnizzlu isem il-konvenut E F u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw minn dawn l-atti, b'mod partikolari n-nota tal-attrici a fol. 46 tal-process u mill-atti tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut E F.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------